**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Marzu 2022**

Rikors Numru: 605/21 AL

AB

vs

CD

(MR Nurmu 639/2013)

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. ILLI l-partijiet izzewgu fil-Knisja Parrokjali tal-Fgura nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u dan min kif jidher mill-Att taz-zwieg (komunament imsejjah certifikat ta-Zwieg) hawn anness u markat "Dok A", liema zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;
2. ILLI minn dan iz-zwieg tal-koppja kien il-wild ta' tifla li sehh fis-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) li inghatat l-isem ta' xxxx u li llum ghandha seba (7) snin;

3. ILLI l-partijiet isseparaw permezz ta` kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dorianne Arapa nhar it-18 ta' Mejju tas-sena 2017, kopja tieghu hija hawn annessa u markata "Dok B";

4. ILLI kif jidher mill-Artiklu 4 tal-istess kuntratt ta separazzjoni, kien hemm rinunzja ghal manteniment bejn il-konjugi, fil-waqt li f'Artiklu 8 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-komparenti mara ma hix sejra tivversa manteniment favur ir-ragel ghal htigijiet ta' bintha stante illi l-mara ser tiehu porzjon ridott mill-komunjoni tal-akkwisti li ghandu jitqies bhala manteniment pre-likwidat u mhallas bil-quddiem ghall-imsemmija wild;

5. Illi kif jidher fil-kuntratt tas-separazzjoni, senjatament 8(ii), (iii) u (iv) f'dak li jirrigwarda l-ispejjez ta’ sahha, extra-kurrikulai u dawk ta edukazzjoni straordinaria, jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet fuq dan ir-rikors.

6. ILLI m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom aktar min erba snin legalment u fattwalment separati minn xulxin u l partijiet ma għandhom l-ebda ħsieb li jirrikonċiljaw bejniethom;

7. ILLI fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn citat, senjatament artiklu 16 tal-imsemmi kuntratt, il-konvenuta rrivertiet għal kunjom xbubitha u cioe' minn Attard saret Spiteri;

8. ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Jannar 2022;

Semghet lill-intimata fuq domanda tal-qorti twieġeb li m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Mejju, 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.